# PATRIMONJU ARTISTIKU TAL-PARROĊĊA TAGĦNA (2)

*Minn Louis Attard*

Is-sena li għaddiet bdejt nikteb serje ta' artikli fuq l-opri artistiċi li jsebbħu t-tempju majestuż tagħna ddedikat lil akbar fost it-Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex is-"Santissima Trinità". F'dan l-artiklu sejjer nagħti daqqa t'għajn lejn l-istatwi li nsibu fil-knisja tagħna. Ta' min jgħid li l-biċċa l-kbira ta' l-istatwi li għandna huma xogħol tal-kartapesta, u dawk prinċipali apparti dik ta' San Franġisk u dik Titulari tas-SSma. Trinità kienu preżenti fil-Knisja sa 1916.

*IL-MADONNA TAR-RUŻARJU*

Din l-istatwa tal-kartapesta hija xogħol l-istatwarju Wistin Camilleri t'Għawdex. Din kienet lesta qabel 1916 u tħallset mis-Sur Carmelo Lia. Din il-vara turi l-Madonna tħaddan il-Bambin Ġesù li t-tnejn qegħdin iżommu l-kuruni tar-Rużarju f'idejhom. Din l-istatwa ġiet indurata f'1946 mid-Ditta Coliero tal-Belt Valletta għas-spejjes tas-Sinjuri Lukardu Portelli u Michael Ciappara. Din kienet l-ewwel statwa li ħarġet proċessjonalment mill-Parroċċa tagħna fl-ewwel Ħadd t'Ottubru 1945. Ir-raġġieri tal-Madonna u tal-Bambin huma tal-"German Silver". Is-sandli tal-Bambin kif ukoll il-kuruni tar-Rużarju huma tad-deheb u s-sandli tal-Madonna tal-Fidda. L-istatwa li fuqha qegħdin nitkellmu ġiet restawrata fl-1994 mis-Sur Alfred Camilleri Cauchi iben l-istatwarju fuq imsemmi. Fis-sena 2000 il-pedistal ta' din l-istatwa ġie ndurat mill-ġdid mis-Sur Publio Magro tal-Furjana għas-somma ta' Lm3,700 li tħallsu bejn il-Fratellanza tar-Rużarju u l-Prokuratur tal-knisja tagħna. Mill-festa tal-Madonna tar-Rużarju ta' 1953 sal-lum din l-istatwa għaddiet taħt il-ħarsien tal-Fratellanza tagħha li twaqqfet f'dik is-sena.

*SAN FRANĠISK T'ASSISI*

Din l-istatwa hija xogħol tal-kartapesta ta' l-istatwarju Wistin Camilleri. Din l-istatwa saret wara 1917 u tħallset għat-tieni darba mill-bużnannu tiegħi s-Sur Ġużeppi Portelli, dan għaliex meta ġew ordnati l-istatwi ta' Maria Adollorata kif ukoll dik ta' Kristu Mejjet, kienet ġiet ordnata wkoll dik ta' San Franġisk, imma ġara li dawk tad-Duluri, u ta' Kristu mejjet waslu Malta qabel ma faqqet l-ewwel gwerra dinjija imma dik ta' S. Franġisk ma waslitx u l-flus intilfu, għaldaqstant din l-istatwa reġgħet ġiet ordnata għand l-istatwarju Wistin Camilleri.

Il-pedistal ta' din l-istatwa kien oriġinarjament ta' l-istatwa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq li nħadem fl-1845. Meta 1915 sar pedestal ġdid għall-istatwa ta' Santa Katarina, il-pedistal oriġinali kien inxtara minn Patri Paċifiku Kapuċċin u tpoġġa taħt San Franġisk tagħna. Din l-istatwa sarilha tibdil u flok il-blata li kienet tagħt il-figura saret sħaba, tneħħa wkoll il-ktieb li kien qiegħed ħdejn saqajn il-Qaddis. Ġew ukoll indurati ż-żewġ Anġli li qegħdin iżommulu dirgħajh. Ir-raġġiera ta' din l-istatwa hija tal-fidda. Din l-istatwa ingħatala l-permess li tinħareġ proċessjonalment nhar it-8 t'Ottubru 1955.

Għal bosta snin din l-istatwa kienu jieħdu ħsiebha l-membri ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari, imma f'dawn l-aħħar snin qegħdin jieħdu ħsieb din l-istatwa l-membri ta' Għaqda tal-Festa S.Sma Trinità b'ko-operazzjoni sħiħa ma' l-istess O.F.S.

Ikompli pagna 73

Minn pagna 71

SAN ĠUŻEPP

Din l-istatwa tal-kartapesta hija xogħol l-istatwarju Wistin Camilleri. Kienet lesta qabel 1916 u tħallset mis-Sur Ġużeppi Pullicino. Din l-istatwa hija magħrufa magħna l-Marsin bħala San Ġużepp tal-Patroċinju għar-raġuni li fil-knisja tagħna għandha statwa oħra ta' dan il-qaddis, dik ta' San Ġużepp Ħaddiem. Dan l-aħħar saret niċċa ġdida għal din l-istatwa fil-knisja, u anke tarġa ta' l-irħam għal taħt din in-niċċa, kollox tħallas mid-devoti ta' dan il-Qaddis wisq maħbub.

ĠESÙ NAZZARENU

Din l-istatwa tal-kartapesta bħal l-biċċa l-kbira ta' l-istatwi li għandna hija xogħol ta' Wistin Camilleri. Din ukoll saret qabel 1916. Fir-Randan ġieli nħarġet fit-toroq fil-Via Crucis.

MARIA ADDOLORATA

Din l-istatwa hija tal-kartapesta u saret għand id-ditta Luigi Guacci ta' Lecce l-Italja. Din l-istatwa kienet tinsab fil-knisja tagħna qabel 1916 u tħallset mis-Sur Carmelo Gatt. Din l-istatwa ħarġet għall-ewwel darba proċessjonalment nhar Ħadd il-Palm 18 ta' Marzu 1951. Għad li fil-Parroċċa tagħna ma għandniex Fratellanza tad-Duluri però min meta bdiet issir din il-proċessjoni, numru ta' irġiel dejjem ħadu ħsieb din il-proċessjoni. Fost affarijiet oħra ħadu ħsieb biex saru salib kbir li jintrama wara l-figura tal-Madonna kif ukoll pedistal u bradella kompluta bil-bankun b'kollox li huma tal-kewba. Saru wkoll raġġiera, sajf u sandli tal-fidda.

KRISTU MEJJET

Din l-istatwa li tirrappreżenta l-korp ta' Kristu meta tniżżel mis-Salib, hija xogħol tal-kartapesta li saret mid-ditta Luigi Guacci. Ħallsu għaliha l-ħaddiema tax-Xatt, u kienet diġa' tinsab fil-knisja tagħna f'1916. Fir-Randan jinħareġ fuq l-artal tal-Madonna tad-Duluri.

QALB TA' ĠESÙ

Din l-istatwa tal-kartapesta wkoll saret mid-ditta Luigi Guacci ta' Lecce. Din l-istatwa hija waħda mponenti kif ukoll ta' ġmiel u ħlewwa li tidher fil-wiċċ ta' Ġesù b'mod li timpressjonak. Din kienet diġa' fil-knisja tagħna f'1916. Xi sentejn ilu s-Sur Pulbio Magro tal-Furjana rrestawra, u ħareġ il-ġmiel oriġinali tagħha. Dan iż-żmien tinħareġ fil-knisja fix-xahar ta' Ġunju għall-festa liturġika tal-Qalb ta' Ġesù.

SAN ESPEDITO MARTRI

Din l-istatwa li sfortunatament ma' għadiex teżisti għaliex ġiet meqruda kienet inġiebet ukoll minn għand id-ditta Luigi Guacci ta' Lecce, u kienet diġa' fil-knisja 1916.

IL-MADONNA TA' LOURDES

Din l-istatwa tal-kartapesta hija xogħol Wistin Camilleri, din kienet diġa' fil-knisja 1916, u ħallsu għaliha l-membri tal-"Figlie di Maria" (xebbiet). Din ukoll dan l-aħħar ġiet irrestawrata mis-Sur Alfred Camilleri Cauchi iben l-artist li oriġinaha. Din tintrama fil-knisja fil-festi prinċipali tal-Madonna.

IL-KURĊIFISS TAT-TLETT SIEGĦAT

Dan il-Kurċifiss huwa tal-kartapesta. Dan ukoll huwa xogħol id-ditta Luigi Guacci ta' Lecce. Huwa għandu dirgħajh jinqagħlu għaliex fil-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif

Ikompli pagna 74

Minn pagna 73

kienet issir f'imgħoddi dan kien jitniżżel mis-Salib għal bews tal-fidili. Dan l-aħħar dan ukoll ġie rrestawrat u kien diġa' fil-knisja fl-1916. Dan jintrama f'artal ta' San Lawrenz fiż-żmien ir-Randan.

## *IL-KURĊIFISS TAR-RANDAN*

Dan il-Kurċifiss kbir huwa xogħol tal-kartapesta li nħadem fil-Ġermanja fl-1912 u ġie rregalat lill-knisja tagħna xi snin wara li fetħet. Dan il-Kurċifiss li dan l-aħħar ġie restawrat jiddendel wara l-artal mejda fiż-żmien ir-Randan.

## *SAN ANTIN TA' PADOVA*

Din hija statwa tal-kartapesta wkoll tad-ditta Luigi Guacci. Din l-istatwa ħadet post il-kwadru tal-pittur Ġużè Duca fl-Oratorju ta' l-istess qaddis fil-knisja tagħna, u saret fis-snin għoxrin.

## *SAN ALWIĠI GONZAGA S.J.*

Din l-istatwa wkoll hija xogħol ta' Wistin Camilleri fil-kartapesta li saret 1921. Ħallsu għaliha l-membri ġiuvintur tal-"Figlii di Maria". Fis-snin li għaddew kienet tinħareġ fil-kortejo li jsir fl-Ewwel Tqarbina.

## *KRISTU RXOXT*

Din l-istatwa tal-kartapesta hija xogħol Karmenu Galea minn Ħal Qormi u saret 1938 għal Parroċċa ta' San Bastjan l-istess pajjiż. Fis-sena 1982 din l-istatwa nxtrağħat għall-knisja tagħna mis-Sur Charles Debattista u mill-membri ta' l-Għaqda Festa SSma. Trinità għas-somma ta' Lm220. L-istatwa ġiet rrestawrata mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, li nistgħu ngħidu li bidilha totalment minn kif kienet oriġinaljarment. Din l-istatwa kienet esebita fil-knisja tagħna nhar l-Għid il-Kbir 1983.

## *STATWI OĦRA*

Il-Bambin tal-Milied huwa tal-kartapesta, ta' Luigi Guacci. Kien diġa' fil-knisja qabel 1916 u ħallsu għalih il-familja Portelli. Żewġ anġli adoraturi li jinstabu fin-niċċa tal-Kurċifiss tat-tlet siegħat huma wkoll xogħol Wistin Camilleri. Fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa flimkien mal-Kurċifiss tat-tlet siegħat jitpoġġew żewġ statwi tal-kartapesta, waħda ta' San Ġwann Evanġelista u l-oħra ta' Santa Marija Madalena xogħol ta' alliv ta' Karlu Darmanin. Ta' dan l-istess alliv huma ż-żewġ Anġli kbar bil-brazzi f'idejhom, dawn jitpoġġew f'artal ta' l-Adorazzjoni fil-Ġimgħa l-Kbira. Statwa oħra, hija dik tal-Madonna ta' Fatima li nħadmet fl-injam u nġiebet mill-Italja wara l-aħħar gwerra bil-ħidma tal-Kappillan P. Feliċian Bilocca. Fl-1957 l-iskultur Marco Montebello ħadem żewġ statwi tal-ġebel għall-kor waħda kull naħa mall-kwadru titulari. Dawn huma tal-Papa S. Damasu I u l-oħra tal-Papa S. Piju X.

## *SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM*

Din hija statwa tal-kartapesta li nħadmet fl-Italja mid-ditta Armando Barrone ta' Lecce, u li waslet fil-knisja tagħna nhar id-19 ta' Marzu 1960. Din l-istatwa tikkonsisti f'erba' figuri S. Ġużepp, żewġ t'irġiel u t-tfajjel Ġesù lkoll imdawwrin mal-bank tax-xogħol ta' mastrudaxxa. Nhar l-1 ta' Mejju ta' l-istess sena ttellgħet fuq il-Fosos tal-Furjana għall-manifestazzjoni ta' S. Ġużepp Ħaddiem.

## *IS-S.Sma TRINITÀ*

Din il-vara titulari tas-S.Sma Trinità hija xogħol artistiku fl-injam maħduma mid-

Ikompli pagna 75

Minn pagna 74

ditta Ferdinando Stuflesser ta' Ortisei, Bolzano l-Italja fuq id-disinn tas-Sur Ġużè Galea tar-Rabat Malta, li swiet is-somma ta' Lm6121 u li nġabru bil-ġenerożità tal-poplu tal-Marsa. Din il-vara waslet Malta nhar it-23 t'Ottubru 1979, u nhar is-Sibt 27 ta' l-istess xahar ġiet imdawwra mat-toroq prinċipali tal-Parroċċa b'demostrazzjoni kbira akkumpanjata mill-Banda Trinità Qaddisa u l-poplu tal-Marsa. Wara daħlet solennement għall-ewwel darba fil-knisja Parrokkjali u matriċi tagħna. Nhar it-3 ta' Novembru 1979 ġiet imbierka fuq iz-zuntier tal-knisja mill-Arċisqof Emeritus Mons Mikiel Gonzi. Il-Ħadd 1 ta' Ġunju 1980 ħarġet għall-ewwel darba proċessjonalment fil-festa ta' dik is-sena. Il-vara bil-pedistal b'kollox tiżen (620 klgs). Biex saret din il-vara, l-Eċċ. tiegħu l-Arċisqof Mons Ġużeppi Mercieca f'10 t'Ottubru 1977 kiteb u talab il-permess lis-Sagra Kongregazzjoni tal-Liturġija u l-Kult Divin fil-Vatikan biex tkun tista' toħroġ proċessjonalment din il-vara tas-S.Sma Trinità. Dawn minn naħa tagħhom kitbu lill-Arċisqof Ġ. Mercieca fil-4/11/97 u qalu li skond id-Drittu Cononiku No. 1295 ma hemm l-ebda mpediment biex issir proċessjoni bix-xbiha tas-S.Sma Trinità mat-toroq. Din l-ittra kienet iffirmata mill-Kardinal Virġilio Noe Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. Dan id-digriet imbagħad inqara fid-19 u 20 ta' Novembru 1977 fil-knisja tagħna.

Fil-1981 fuq disin ta' Ġużè Galea saru erba' anġli ta' l-injam għand l-istess ditta Ferdinando Stuflesser biex jitpoġġew wieħed f'kull kantuniera tal-pedistal ta' l-istess statwa. Aktar tard meta saru l-bradella u l-bankun tal-bradella, fuq id-disinn ta' l-istess Ġużè Galea saret l-iskultura fina kollha għand Ferdinandu Stuflesser ta' Bolzano. Fis-sena 1998 saret raġġiera b'Ispirtu s-Santu ġdida fuq id-disinn ta' Sur Salvu Bugeja. L-iskultura saret mill-kompajzan tagħna Marcellino Grech. Fl-istess sena inżebgħet mill-ġdid l-vara kollha u ġiet indurata minn Publio Magro tal-Furjana. Iż-żebgħa tal-vara saret mill-artista Michael Camilleri Cauchi t'Għawdex. Ir-raġġiera ġiet indurata mis-Sur Horace Farrugia ta' l-Imdina u din tħallset minn benefattriċi.



*Id-Duluri*



*Madonna tar-Rużarju*



*San Franġisk*